Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 – 21237031
infosheet@akmalta.org
www.akmalta.org

**ĠUNJU 2009** **NUMRU 244**

Ikun Imfaħħar Ġesù Kristu!

# INFORMATION SHEET

## MADWARNA

**Il-Laqgħa Ġenerali**. Il-Laqgħa Ġenerali qegħda tieħu xejra importanti ħafna. Is-sena l-oħra bdejna niddiskutu l-Istatut. Din is-sena se niddiskutu d-distintiv u se nfasslu l-programm għas-sena d-dieħla, b'hekk inkunu qegħdin nieħdu d-deċiżjonijiet l-aktar importanti flimkien. Dan huwa pass importanti li jgħaqqadna dejjem aktar. Nistieden rappreżentanti minn kull Ċirkolu biex ikunu preżenti u jieħdu sehem fid-diskussjoni.

**Jum il-WUCWO.** Numru kbir ta' nisa nġabru fil-Knisja sabiħa ta' Ħal Tarxien, imżejna għal festa ta' Marija Annunzjata, biex jiċċelebraw Jum l-Unjoni Dinjija ta' l-Għaqdiet tan-Nisa Kattoliċi. Matul dawn it-tliet snin l-organizzazzjonijiet imseħbin mal-WUCWO, fosthom in-nisa ta' l-Azzjoni Kattolika ta' Malta, qegħdin jaħdmu biex isaħħu kultura ta' paċi. Il-laqgħa li saret, u li spiċċat b'quddiesa, kienet dwar il-paċi. Din is-sena l-laqgħa kienet ippreparata mill-Kanada u organizzata miċ-Ċirkolu Sant'Anna ta' Ħal Tarxien. Hemm mitt organizzazzjoni imxerrdin mal-kontinenti kollha imseħbin f'din l-unjoni.

**T-Shirt ġdid għal membri Ż.A.K.** Ż.A.K. illanċjaw T-Shirt bil-kliem:
'Dan il-flokk jintlibes minn ġenerazzjoni ta' żgħażagħ impenjati li jieħdu azzjoni pożittiva sabiex ikunu ta' ġid għal ta' madwarhom, jixhed ukoll il-fidi Kattolika li huma jħaddnu u jaraw li jgħixuha b'dedikazzjoni u mħabba.'

**Għall-India.** Sarah Caruana, Marie Vella u Stephanie Buhagiar sejrin l-India dan is-sajf, biex jipparteċipaw fil-Kamp Internazzjonalil tal-FIMCAP, il-Federazzjoni Internazzjonali tal-Gruppi Parrokkjali ta' Żgħażagħ Kattoliċi. Smajt li se jieħdu parti *f'Car Boot Sale* biex jiġbru ftit flus ħalli jkollhom biex iħallsu parti mill-vjaġġ.

**Jum ta' riflessjoni għall-Ħaddiema tad-Dar Familja Mqaddsa.** Il-ħaddiema tad-Dar Familja Mqaddsa nġabru Mount St. Joseph għal jum ta' riflessjoni u ikla flimkien. Mons Pawl Vella mexxa r-riflessjoni. Dun Valent Borg, id-Direttur tad-Djar ta' l-Anzjani qaddes. Jiena ħeġġiġt il-ħaddiema kollha biex jaqdu lil anzjani fil-bżonnijiet tagħhom bħal li kieku kienu qegħdin jgħinu lill-istess Kristu. Jum bħal dan ifakkarna fil-vokazzjoni tagħna.

**Nunzju Appostoliku Malti Ġdid.** Mijiet ta' mistednin imlew il-Kon-Katidral ta' San Ġwann biex jassistu għall-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Joseph Spiteri, li ġie maħtur Nunzju Appostoliku tas-Sri Lanka, pajjiż fejn għada kif spiċċat gwerra bejn razza u oħra. Il-gwerra ħalliet ħafna nies mejtin u numru kbir qegħdin jgħixu ġo kampijiet. Il-ġlied spiċċa għax il-forzi tal-gvern użaw qawwa kbira u mhux għax waslu għal xi ftehim, Il-possibilità ta' aktar inkwiet hija kbira. Nitolbu għal dan il-Pajjiż u għall-Eċċellenza Tiegħu n-Nunzju Malti Mons. Joseph Spiteri.

**Il-Pentekoste.** Qegħdin nippreparaw għal jum għażiż ieħor fil-kalendarju tal-Knisja. Dan il-jum huwa importanti ħafna għal membri ta' l-Azzjoni Kattolika li jixtiequ jgħixu l-vokazzjoni tagħhom. Lilu rridu nitolbu biex nitqaddsu. Minnu ġejja l-ħeġġa biex ngħixu u nwasslu l-Vanġelu. Hu jgħaqqadna f'imħabba li twassal għal paċi u għal kull ġid. F'mumenti ta' qtigħ il-qalb, hu jsaħħaħna. Minnu ġej kull ġid spirtwali u kull ferħ qaddis. Ningħaqdu mal-Knisja u ma' ħutna f'ċelebrazzjoni nazzjonali biex nixtiequ flimkien il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuqna, bħala ndividwi, bħala għaqda u bħala pajjiż,.

**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

Attivitajiet għax-Xahar ta' ĠUNJU 2009

| | | |
|---|---|---|
| 2 ta' Ġunju | Fergħa Nisa | Ħarġa Soċjo-Kulturali/Reliġjuża għall Għawdex għar-Romol. |
| 4 ta' Ġunju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - Membri tal-Kunsill, fid-9:30. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| 10 ta' Ġunju | Kummissjoni Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-18:00. Istitut Kattoliku, Floriana |
| 11 ta' Ġunju | Friegħi Kollha | Laqgħa Ġenerali fis-18:00. |
| 14 ta' Ġunju | Ż.A.K. | Car Boot Sale fil-*football gound* tal-Birgu b'risq ġbir ta' Fondi għat tlett żgħażagħ fiż-Ż.A.K. li se jqattgħu tlett ġimgħat xogħol volontarju fl-India f'Awissu. Kotba u affarijiet oħra li jistgħu jinbiegħu mill-*car boot sale* jkunu apprezzati. Min għandu xi affarijiet jista' jċempel fuq Tel: 21222239 jew joħodhom fl-Uffiċċju ta' l-Azzjoni Kattolika, l-Floriana, fil-ħinijiet ta' l-Uffiċċju. |
| 17 ta' Ġunju | Għalliema | Kunsill fis-18:00. |
| 18 ta' Ġunju | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali Membri tal-Kunsill (Ġodda) fid-9:30. |
| 20 ta' Ġunju | Kummissjoni Ħidma Morda | Festa tar-Redentur fis-18:00. |
| 22 ta' Ġunju | Fergħa Rġiel | Kunsill fis-18:00. Istitut Kattoliku, Floriana. |
| 26 ta' Ġunju | Direttorju | Laqgħa fis-18:00. Istitut Kattoliku, Floriana. |

## **Ħinijiet Tas-Sajf fl-Istitut Kattoliku:**

i. Mil-1 sal-31 ta' Lulju 2009 mit-8:30 sas-19:00.

ii. Mill-1 sal-31 ta' Awissu 2009 mit-8:30 sas-13:00.

iii. Mill-1 ta' Settembru 'l quddiem mit-8:30 sad-21:00.

## Adorazzjoni Għal Vokazzjonijiet

Il-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika huma mħeġġin li jitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Tajjeb li kull Ċirkolu jorganizza siegħa Adorazzjoni fix-xahar quddiem Ġesù Sagramentat.

### **Fergħa Xebbiet Adulti**

Inħeġġu lill-Membri kollha biex matul ix-xahar ta' Ġunju jżidu fid-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù.

--------------------

### **KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

***SOLIDARJETÀ*** Il- Programm 'Solidarjetà li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Ġunju jixxandar f''dawn id-dati :- 7, 14, 21 u 28 fis-19:15 u MHUX fit-20:30.

# LAQGĦA ĠENERALI

# IL-ĦAMIS, 11 TA' ĠUNJU 2009

## Mis-18:00 SAT- 20:00.

## SALA MONS GONZI - ISTITUT KATTOLIKU

## FLORIANA

Nistiednu liIl-membri kollha ta':

l-Kunsilli Ċentrali,
Tim Nazzjonali ŻAK
l-Kummissjonijet u
l-President u żewġ membri tal- kumitati taċ-ċirkoli
għall-Laqgħa Ġenerali.

Din il-Laqgħa Ġenerali hi importanti ħafna għal min imexxi, għaliex fiha se jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

- l-Istemma l-Ġdida ta' l-Azzjoni Kattolika
- l-programm tas-sena d-dieħla

Għaldaqstant kullħadd għandu jħoss l-obbligu li jattendi u jagħti s-sehem tiegħu .

Joyce Pullicino
*President Ġenerali*

Mons. Pawl Vella
*Ass. Ekkleżjastiku Gen.*

---



"Biex Jingħarfu fuq l-art triqatek"
Salm 66

## Kummissjoni Fund -Raising

Minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll
fuqhom il-Buffet ta'
nhar il-Ħadd 7 ta' Ġunju 2009
tal-Fund-Raising ġie mħassar

## GRUPPI KOPPJI MIŻŻEWĠIN TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

### Il-25 ANNIVERSARJU MIT-TWAQQIF TAL-KUMMISSJONI

### 1984 – 2009

FL-okkazjoni ta' dan l-Anniversarju se ssir Laqgħa Soċjali bil-Quddiesa nhar il-Ħadd 27 ta' Settembru.
Mistednin il-Familji tal-Koppji kollha u l-ħbieb tagħhom
Żommu din id-data libera – Aktar dettalji 'l quddiem.

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA



**SERVIZZ BIL-MINIBUSES**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

L-Erbgħa, 1 Ta' Lulju 2009, Festa tal-Beatu Nazju Falzon,
Patrun tas-Segretarjat Assistenza Soċjali

*SAN MIKIEL TAL-QADDISIN KOLLHA, PATRUN TAL-MORDA BIL-KANĊER*
*SOLIDARJETÀ FIT-TALB MA' ĦUTNA MORDA BIL-KANĊER*
*QUDDIESA, IL-ĠIMGĦA ,3 TA' LULJU 2009 FIS-6.30 P.M.*

Il-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika huma mistiedna għal din il-Quddiesa fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt, biex nitolbu għall-morda bil-Kanċer u l-familjari tagħhom.

**L-Information Sheet Bl-email**
Tixtieq tirċievi l-Information Sheet bl-email? Ibgħat it-talba tiegħek permezz ta' email indirizzata lill-infosheet@akmalta.org

# LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA





*Waslet l-Ewwel Tqarbina u trid tagħti rigal b'differenza? Post wieħed għandek tmur - fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika – Istitut Kattoliku - Floriana*

*Wieħed isib:*
*Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.*



*Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO'. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.*

*Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa - 9:00 ta' filgħodu sa nofsinhar*
*16:00 sas – 19:30 ta' filgħaxija*
*is-Sibt – filgħodu biss*



*Tel: 21 237031*
*Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.*



*Nixtiequ ninfurmawkom li fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika l-Floriana qed nagħtu s-servizz ta' BINDING. Il-prezz huwa ta' EUR 1.00 kull 12 il-paġna. Għalhekk inħeġġu lil membri kollha biex imexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz.*



*'HANDMADE NOTEBOOKS' LI JISTGĦU JINTUŻAW BIEX JITTIEĦDU NOTI FUQHOM WAQT XI LAQGĦA U GĦAL MITT ELF ĦAĠA OĦRA, LI QED JINBIEGĦU GĦALL-PREZZ TA' EUR 0.50C.*



